



Ir-Renju Unit huwa liberu li jirrevoka unilateralment in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea

Tali revoka, deċiża b'osservanza tal-ħtiġijiet kostituzzjonali rispettivi tiegħu, ikollha l-effett li r-Renju Unit jibqa' fl-Unjoni mingħajr ebda bidla fir-rigward tal-istatus tiegħu bħala Stat Membru

Permezz ta' referendum tat-23 ta' Ġunju 2016 fir-Renju Unit, il-maġġoranza ddeċidiet favur il-ħruġ ta' dan l-Istat Membru mill-Unjoni Ewropea. Fid-29 ta' Marzu 2017, il-Prim Ministru Brittaniku nnotifikat lill-Kunsill Ewropew l-intenzjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 50 TUE. Dan l-artikolu jipprevedi li, wara li jagħmel tali notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnegoza u għandu jikkonkludi mal-Unjoni ftehim dwar il-ħruġ. It-Trattati mbagħad ma jibqgħux applikabbli għall-Istat ikkonċernat b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim dwar il-ħruġ jew, fl-assenza ta' tali ftehim, malli jintemm terminu ta' sentejn min-notifika tal-intenzjoni ta' ħruġ, li jista' eventwalment jiġi estiż.

Fid-19 ta' Diċembru 2017, ġie ppreżentat rikors għal sħarriġ ġudizzjarju quddiem il-Court of Session (il-Qorti Suprema Ċivili, l-Iskozja, ir-Renju Unit) minn Membri tal-Parlament tar-Renju Unit, tal-Parlament Skoċiż u tal-Parlament Ewropew sabiex jiġi kkjarifikat jekk in-notifika prevista fl-Artikolu 50 TUE tistax tiġi rrevokata unilateralment qabel l-iskadenza tat-terminu ta' sentejn, bl-effett li, fil-każ ta' revoka, ir-Renju Unit jibqa' fl-Unjoni. Fit-3 ta' Ottubru 2018, il-Court of Session għamlet domanda preliminari f'dan is-sens lill-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li speċifikat li risposta għal din id-domanda ser tippermetti lill-Membri tal-House of Commons ikunu jafu, meta jiġu sabiex jivvotaw dwar il-ftehim dwar il-ħruġ, li ma hemmx żewġ għażliet iżda tlieta, jiġifieri l-ħruġ mill-Unjoni mingħajr ftehim, il-ħruġ mill-Unjoni bi ftehim jew ir-revoka tan-notifika tal-intenzjoni ta' ħruġ u l-kontinwazzjoni tar-Renju Unit fl-Unjoni.

Minħabba n-natura urġenti tat-talba tagħha, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-fatt li l-ftehim dwar il-ħruġ jista' jiġi rratifikat biss jekk dan il-ftehim u l-qafas applikabbli għar-relazzjonijiet futuri tar-Renju Unit mal-Unjoni jkunu ġew approvati mill-Parlament tar-Renju Unit, il-Court of Session talbet l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa, talba li ntlaqgħet mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja¹. Il-proċedura mħaffa tippermetti li tingħata deċiżjoni malajr fil-kawża kkaratterizzata minn urġenza eċċezzjonali, billi jitnaqqsu t-termini proċedurali u billi tingħata prijorità assoluta lil dawn il-kawżi.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja, bis-Seduta Plenarja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tiddeċiedi li, meta Stat Membru jkun innotifika lill-Kunsill Ewropew l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni, kif għamel ir-Renju Unit, dan l-Istat Membru huwa liberu li jirrevoka unilateralment din in-notifika.

Din il-possibbiltà teżisti sakemm ma jkunx daħal fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ konkluż bejn l-Unjoni u l-Istat Membru kkonċernat jew, fl-assenza ta' tali ftehim, sakemm it-terminu ta' sentejn min-notifika tal-intenzjoni ta' ħruġ mill-Unjoni, kif eventwalment estiż, ma jkunx skada.

¹ Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Ottubru 2018, Wightman et (C-621/18).

Ir-revoka għandha tiġi deċiża wara proċess demokratiku b'osservanza tal-ħtiġijiet kostituzzjonali nazzjonali. Din id-deċiżjoni, inekwivoka u inkundizzjonata, għandha tiġi kkomunikata bil-miktub lill-Kunsill Ewropew.

Tali revoka tikkonferma s-sħubija tal-Istat Membru kkonċernat fl-Unjoni mingħajr ebda bidla fir-rigward tal-istatus tiegħu bħala Stat Membru u ttemm il-proċedura ta' ħruġ.

Fir-raġunijiet tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tibda billi tikkonstata li, skont il-Court of Session, ir-rikors fil-kawża prinċipali jqajjem kwistjoni kontroversjali, li hija l-bażi ta' tilwima li hija għandha tiddeċiedi dwarha, u li s-sentenza tal-Court of Session ser tippermetti li jiġu kkjarifikati l-għażliet disponibbli għad-deputati tal-Parlament tar-Renju Unit li ser ikollhom jieħdu pożizzjoni dwar ir-ratifika tal-ftehim innegozjat bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni. Bi tweġiba għall-argumenti ta' inammissibbiltà tal-Gvern tar-Renju Unit u tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li d-domanda dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 50 TUE magħmulha lilha mill-Court of Session hija rilevanti u ma hijiex ipotetika sa fejn hija preċiżament is-suġġett tat-tilwima pendenti quddiem il-Court of Session.

Fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Artikolu 50 TUE ma jindirizzax b'mod espliċitu l-kwistjoni tar-revoka tal-intenzjoni ta' ħruġ. Dan l-artikolu la jipprojbixxi tali revoka u lanqas ma jawtorizzaha b'mod espress.

B'dan premess, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-Artikolu 50 TUE għandu għan doppju, jiġifieri, minn naħa, li jirrikonoxxi d-dritt sovrani ta' Stat Membru li joħroġ mill-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li jistabbilixxi proċedura maħsuba sabiex tali ħruġ ikun jista' jseħħ b'mod organizzat. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, in-natura sovrana tad-dritt ta' ħruġ timmilita favur l-eżistenza ta' dritt għall-Istat Membru kkonċernat, sakemm ma jkunx daħal fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ jew, fl-assenza ta' tali ftehim, sakemm it-terminu ta' sentejn, kif eventwalment estiż, ma jkunx skada, li jirrevoka n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni.

Fl-assenza ta' dispożizzjoni espliċita li tirregola r-revoka tan-notifika tal-intenzjoni ta' ħruġ mill-Unjoni, din ir-revoka hija suġġetta għar-regoli previsti fl-Artikolu 50(1) TUE, b'tali mod li tista' tiġi deċiża unilateralment, konformement mal-ħtiġijiet kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

Ir-revoka minn Stat Membru tan-notifika tal-intenzjoni ta' ħruġ tiegħu tirrifletti deċiżjoni sovrana li jinżamm l-istatus ta' Stat Membru tal-Unjoni, status li la kien interrott u lanqas mibdul bħala konsegwenza tal-imsemmija notifika.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ikun kuntrarju għall-għan tat-Trattat li tinħoloq għaqda dejjem iżda ravviċinata fost il-popli tal-Ewropa jekk ikun imġiegħel joħroġ mill-Unjoni Stat Membru li, wara li jkun innotifika l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni konformement mal-ħtiġijiet kostituzzjonali tiegħu u wara proċess demokratiku, jiddeċiedi li jirrevoka n-notifika ta' din l-intenzjoni fil-kuntest ta' tali proċess.

Jekk, kif jipproponu l-Kunsill u l-Kummissjoni, id-dritt ta' revoka jiġi suġġett għall-approvazzjoni tal-Kunsill Ewropew, b'vot unanimu, dan jittrasforma dritt unilaterali sovrani fi dritt kundizzjonat u jkun inkompatibbli mal-prinċipju li Stat Membru ma jistax jiġi mġiegħel joħroġ mill-Unjoni kontra r-rieda tiegħu.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema identika.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[It-test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Immaġni tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq [“Europe by Satellite”](#) ☎ (+32) 2 2964106